MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-12 ta' Marzu, 2015

Rikors Numru. 548/2014

**AB**

***vs***

**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ippremettiet:

1. Illi l-kontendenti zzewwgu fit-23 ta' Mejju 1984, kif jirrizulta minn kopja tac-certifikat taz-zwieg hawn annessa, esebita u mmarkata bhala Dok VM 1, u minn dan iz-zwieg kellhom zewgt itfal, E u F, li llum ghandhom 30 u 21 sena rispettivament;
2. Illi l-kontendenti nfirdu minn xulxin permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni in Atti Nutar Carmel Gafa datat 25 ta' Mejju 1995, kif jidher minn kopja tal-kuntratt hawn anness, esebit u mmarkat bhala Dok. VM 2;
3. Illi sal-gurnata tal-lum, ma hemm ebda vertenza in kwantu ghal manteniment dovut ai termini ta' l-istess kuntratt – di piu', illum l-ulied huma maggorenni;
4. Illi ma hemm l-ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;
5. Illi ghalhekk il-kundizzjonijiet mahsuba fl-imsemmi Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta huma sodisfatti u in vista tal-fatt illi l-kontendenti huma separati permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni, m'huwiex mehtieg illi ssir medjazzjoni bejniethom;

Talbet li l-intimat ighid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

a) Tippronunzja x-xoljiment taz-zwieg ezistenti bejn il-partijiet;
b) Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, entro t-termnu determinat minn din l-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-8 ta' Jannar, 2015;

Rat illi l-intimat debitament notifikat ma ipprezentax risposta u ma deherx ghal dawn il-proceduri;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-25 ta’ Mejju 1995 u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ir-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ hlas ta’ manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------